MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 831/2007

Konkors ta' Kredituri ta' Victor Zammit, direttur ta' kumpanija, bin Joseph Zammit u l-mejta Agnes Zammit nee` Attard, imwieled Birkirkara u joqghod in-Naxxar, I.D. Card No: 783349(M) u martu Rose Zammit, bint il-mejtin Edgar O'Flaherty u Antonia O'Flaherty nee` Vella, imwielda Floriana u toqghod in-Naxxar, I.D. Card No: 608847(M)

Il-Qorti,

## A. RIKORS TA' HSBC BANK MALTA P.L.C.:

Rat ir-Rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. li bih espona:

Illi wara subasta bin-numru: 135/2004 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Victor Zammit *et* giet depozitata garanzija bankarja bin-numru: 8820071018 ghall-ammont ta' erba' mija u tletin elf lira Maltija (Lm430,000) ekwivalenti ghal (€1,001,630.57) mill-istess bank rikorrenti

permezz ta' cedola numru: 856/2007 (Dokument HSBC1) u dana *ai termini* ta’ l-Artikolu 338 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex tkopri 1-ammont offrut mill-istess bank *animo compensandi* fl-istess subasta u wara l-oppozizzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghac-cedola ta' kompensazzjoniipprezentata mill-Bank rikorrent;

Illi wara l-oppozizzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghac-cedola ta' kompensazzjoni ipprezentata mill-Bank rikorrentent, din il-Qorti, permezz ta' digriet datat 24 ta' Novembru 2006 ordnat lill-Bank rikorrent jiddepozita taht l-awtorita` ta’ l-istess Qorti garanzija adegwata skond il-ligi;

Illi l-bank esponent jinsab kreditur tal-konjugi Victor Zammit bhala garanti tas-socjeta` Biochemicals Limited fis-somma ta' miljun, erba' mija u tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u seba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,423,907.75) (€3,316,812.84) oltre l-imghaxijiet legali skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datat 10 ta' Gunju 2003 u rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2003;

Illi l-kreditu ta’ l-HSBC Bank Malta p.l.c. jippregradwa fuq dawk tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif ser jigi ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza u dawn ta’ l-ahhar m'ghandhomx dritt jopponu ghall-izbank tal-garanzija bankarja hawn fuq imsemmija;

Ghaldaqstant HSBC Bank Malta p.l.c. talab lill-Qorti jghogobha tordna l-ftuh tal-konkors ta’ kredituri kontra l-konjugi Victor u Rose Zammit.

Rat id-dokumenti prezentati mill-bank rikorrent.

Li b'rikors iehor tas-16 ta' Ottubru 2007 HSBC Bank Malta p.l.c. semma:

Illi in segwitu ghas-subasta immobbli bin-numru: 135/2004 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Victor Zammit et giet depozitata garanzija bankarja bin-numru: 8820071018 ghas-somma ta' erba' mija u tletin elf lira Maltija (Lm430,000) ekwivalenti ghal miljun, elf, sitt mija u tletin Euro u sebgha u hamsin cents (€1,001,630.57) permezz ta' cedola numru: 856/2007 u dana *ai termini* ta' l-artikolu 338 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex tkopri l-ammont offrut mill-istess bank *animo compensandi* fl-istess subasta u wara l-oppozizzjoni maghmula mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li baqghu jopponu ghac-cedola ta' kompensazzjoni ipprezentata mill-Bank rikorrent;

Illi t-titolu ezekuttiv tal-Bank rikorrent fil-konfront tal-konjugi Victor u Rose Zammit bhala garanti solidali tas-socjeta` Biochemicals Limited huwa derivat minn kuntratt ta' kostitutzzjoni ta' debitu datat 10 ta' Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa (Dokument HSBC1) u rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2003 (Dokument HSBC2) fejn l-intimati gew konfermati bhala debituri tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta' miljun, erba' mija u tlieta u ghoxrin elf, disa' mija u seba' liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,423,907.75) ekwivalenti ghal €3,316,812.84 u ghalkemm saru xi pagamenti akkont, is-socjeta` rikorrenti ghadha kreditrici ta' l-intimati nonostante l-kompensazzjoni tal-prezz intier ta' l-immobbli mibjugh bis-subasta li tat lok ghal dawn il-proceduri, kif muri fil-kopja tal-prospett annessa mar-rikors u immarkata Dokument HSBC3;

Illi l-kreditu tas-socjeta` rikorrenti gie kawtelat permezz ta' Ipoteki Generali u Specjali Numri: I 8,109/1998, I 1,639/2000, I 1,640/2000, I 10,153/2003, I 10,154/2003 kif muri minn kopja tar-Ricerki Ufficjali mahruga mir-Registru Pubbliku ta' Malta (Dokument HSBC4) u ghalhekk is-

socjeta` rikorrenti issottomettiet li l-kreditu taghha ghandu jigi pregradwat qabel dak tal-kredituri l-ohra.

Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-provi prodotti u irriservat li ggib kwalunkwe prova ohra permessa mil-ligi, talbet lill-Qorti joghgobha tippregradwa, a preferenza ta’ konkorrenti ohra, il-kreditu tas-socjeta` rikorrenti hawn fuq indikata u konsegwentement tigi awtorizzata tizbanka l-garanzija bankarja hawn fuq imsemmija ta’ Lm430,000 (€1,001630.57) depozitata permezz tac-cedola hawn fuq imsemmija numru: 856/2007.

Rat id-dokumenti prezentati mill-bank rikorrent.

**B. RIKORS TAR-REGISTRATUR QRATI CIVILI U TRIBUNALI:**

Rat ir-rikors tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali li bih espona:

Li permezz tieghu talab li jikonkorri fl-atti tar-Rikors hawn fuq imsemmi numru 831/07 FS, fl-ismijiet Victor Zammit *et*, sabiex jigi rimborsat l-ammont ta' Lm14.16 (€32.98) spejjez inkorsi ghall-Avviz fil-Gazzetta Lokali, skond kif ordnat bid-digriet tal-Qorti, kopja ta’ l-ispejjez inkorsi giet annessa, b' riserva ta' kwalunque spejjez ohra li jista jinkorri f’dawn il-proceduri.

Rat illi fl-10 ta’ Dicembru 2007 ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili talab li jikkonkorri fir-rikors *de quo* biex jigi rimborsat €445.28, spejjez tal-pubblikazzjoni, *fol* 203, u fl-istess data biex jigi rimborsat l-ammont ta’ €206.15, *fol* 205.

Rat id-dokumenti prezentati mir- Registratur Qrati Civili u Tribunali.

**C. RIKORS TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXI INTERNI:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li bih espona :

Illi hu kreditur ta’ Victor Zammit *proprio et nomine*, u cioe` personalment u bhala direttur tas-socjeta` Price Club Operators Limited li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C 22704 u tas-socjeta` Bio Chemicals International Limited fl-ammont komprensiv ta' tliet mija u disgha u disghin elf seba' mija u tmienja u erbghin lira [Lm399,748] (€931,162.35) kreditu dovut bhala somom minnu stabbiliti dwar il-*Final Settlement System* u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, kif ukoll skond l-artikolu 116 tal-Kap 318, kif ukoll bhala Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-regola 24(1) tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il-*Final Settlement System*, u l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u bhala kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artikolu 116(1)(b) ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali [tal-Kap 318], skond l-ittri ufficjali annessi mar-rikors u immarkati bhala Dok. 'A' u 'B' rispettivament;

Illi inoltre r-rikorrent ghandu jiehu wkoll is-somma ta' wiehed u hamsin elf tliet mija u erbghin lira (Lm51,340) (€119590.03) bhala taxxa fuq id-dhul jew taxxa provizorja mill-kumpannija Bio Chemicals International Lmited;

Ghaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxi Interni talab illi jigi ammess fil-lista tal-kredituri ta' Victor Zammit fl-ammont premess.

Rat id-dokumenti prezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

**D. RIKORS TAL-KUMMISSARJU TAT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIZJUD:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li bih espona:

Illi hu kreditur ta' Victor Zammit *proprio et nomine*, personalment u la direttur tas-socjeta' Price Club Operators Limited li ghandha n-numru tar-registrazzjoni C22704 fl-ammont ta' tliet mija u sitta u ghoxrin elf, mija u erbgha u hamsin lira [Lm326,154] (€759,734.45) dovut bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att XXIII ta’ l-1998;

Ghaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talab li jigi ammess fil-lista tal-kredituri ta' Victor Zammit fl-ammont premess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**E. PROVI:**

Rat il-pubblikazzjoni *a fol* 169 tal-process fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Ottubru 2007, u tas-7 ta' Dicembru 2007 *a fol* 196A u B, u l-pubblikazzjoni fil-harga ta' l-Orizzont tas-6 ta' Dicembru 2007 *a fol* 172 u fit-Times *a fol* 210 u 212 dwar il-konkors ta' kredituri.

Gie prezentat affidavit tal-<u>Prokuratur Legali Adrian Borg,</u> Prokuratur Legali ma' HSBC Bank Malta p.l.c., fl-Ufficju Legali ta' l-istess socjeta`. Semma li in segwitu ghas-subasta immobbli bin-numru: 135/2004 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta p.l.c. vs Victor Zammit *et* fuq Villa Aurora, Triq il-Kappella ta' San Mikiel, San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, giet depozitata garanzija bankarja bin-numru 8820071018 ghas-somma ta' erba' mija u tletin elf lira Maltija (Lm430,000) permezz ta' cedola numru 856/2007 u dana *ai termini* ta' l-artikolu 338 tal-Kap 12. It-titolu ezekuttiv tal-Bank rikorrent fil-konfront tal-konjugi Victor u Rose Zammit bhala garanti solidali tas-socjeta' Biochemicals Limited huwa derivat minn kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 10 ta' Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa. (Ara Dokument HSBC1 mehmuz mar-rikors tal-Bank tas-16 ta' Ottubru 2007) u rez ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2003. Semmal-ipoteki li permezz taghhom gie kawtelat il-kreditu tal-bank.

Xehed il-<u>P.L. Adrian Borg</u> u ikkonferma l-kontenut tad-dokumenti esebiti.

Gie prezentat l-affidavit ta’ Ludgardo Mercieca, Ufficjal Amministrattiv (*Principal*) fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Semma li Victor Zammit *proprio et nomine* huwa debitur tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fis-somma ta’ €931,162.35 dovuta bhala somom minnu stabbiliti dwar il-*Final Settlement System* u l-Att ta’ l-1994 dwar l-amministrazzjoni tat-taxxa kif ukoll skond l-Artikolu 116 tal-Kap 318, kif ukoll bhala Taxxa Addizzjonali imposta skond ir-Regola 24(1) tar-Regoli ta’ l-1998 dwar il-*Final Settlement System*, u l-Att ta’ l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, u bhala kontribuzzjoni Addizzjonali imposta skond l-Artikolu 116(1)(b) ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali [Kap 318] in rigward is-socjetajiet Price Club Operators Ltd u Bio Chemical International Limited li taghhom Victor Zammit kien direttur. Saru *Demand Notices* u billi ma sarx hlas saru ittri ufficjali biex gie rez ezegwibbli l-ammont fuq imsemmi. Peress li ma sarx hlas inhareg Mandat ta’ Sekwestru numru 900/05 kontra Victor Zammit *proprio* u kontra s-socjeta` Bio Chemicals International Ltd ghall-ammont ta’ €175,897.74. Zied li kien sar ftehim bejn Victor Zammit u d-Dipartiment, (Dok KT14) datat 31 ta’ Dicembru 2004 in rigward hlas ta’ PAYE/FSS u SSC fl-ammont ta’ €273,382.25, pero` dan il-ftehim ma giex onorat mid-debitur.

Inoltre dan l-ammont id-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghandu jiehu wkoll minghand id-debitur is-somma ta’ €119,590.03 bhala taxxa fuq id-dhul jew taxxa provvizorja mill-kumpanija Biochemicals International Limited, taxxa tal-kumpannija. Id-Dipartiment ghandu titolu ezekuttiv fuq il-proprjeta` tad-debitur u cioe` Villa Awrora, Triq il-Kappella ta’ San Mikiel, San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, gjaladarba din il-proprjeta` saret taghmel parti mill-attivita` ekonomika tad-debitur. Sostna li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni bil-ligi tas-Sigurta` Socjali u b’dik Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jgawdi minn privilegg specjali fuq l-assi tad-debitur.

Xehed Ludgardo Mercieca u esebixxa dokument LMX li juri l-ammont li d-Dipartiment qieghed jitlob, riferibbli ghal FSS u SSC ta’ Bio Chemicals International Limited u ghal

Price Club Operators Limited kif ukoll bhala kumpanija lil Bio Chemicals International Limited, kif jidher ahjar a fol 234 tal-process.

Gie prezentat l-affidavit ta' Charles Vella, Direttur *International and Legal Affairs* fid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li fih semma li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandu jiehu minghand id-debitur Victor Zammit *proprio et nomine* s-somma €759,737.45 dovuta bhala taxxa fuq il-Valur Mizjud in rigward is-socjeta' Price Club Operators Ltd li taghha Victor Zammit kien direttur, liema ammont kien intalab permezz ta' Avviz ghal Talba ghall-hlas biex dan l-ammont jithallas, liema talba giet segwita minn ittra ufficjali datata 13 ta' April 2005 li irrendiet ezegwibbli l-ammont fuq imsemmi.

Id-debitur ma hallasx u nhareg Mandat ta' Sekwestru. Illi d-Dipartiment ghandu titolu ezekuttiv fuq il-proprjeta` tad-debitur u cioe` Villa Awrora, Triq il-Kappella ta' San Mikiel, San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, gialadarba din il-proprjeta' saret taghmel parti mill-attivita' ekonomika tad-debitur. Il-ligi tal-VAT u cioe` l-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-Artikolu 62 tghid illi l-Kummissarju jgawdi minn privilegg specjali fuq l-assi li jaghmlu parti mill-attivita` ekonomika tad-debitur.

Xehed Charles Vella u qal li l-ammont ta' €759,737 probabbli fih xi penali amministrattiva. Semma li l-kreditur principali taghhom huwa Price Club Operators Limited u Victor Zammit dahal in xena bhala direttur ta' din is-socjeta`. Zied li sa fejn jaf hu l-privileggi li jissemmew fl-affidavit johrogu mill-artikolu 62 tal-Kap 406, l-Att tal-VAT fejn jghid li l-Kummissarju jkollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna dwar kull taxxa dovuta minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jinsab f'xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn isemmi fl-Artikolu 2009(a) jew (b) tal-Kodici Civili. Qal li ma giex registrat fir-Registru Pubbliku dan il-privilegg.

Giet prezentat affidavit iehor ta' <u>Charles Vella</u> fejn ta *breakdown* tat-taxxa €759,735.77. It-*taxpayer* iddikjara kreditu ta' €137,320.59 li jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 1999 sa Marzu 2005. L-*Estimated Tax* (Lm113,441.00) huwa l-ammont li d-Dipartiment ikun hareg bhala stima ghax ma jkunux dahlu denunzji. F' dan il-kaz, id-denunzji mhux sottomessi jammontaw ghal 12-il denunzja. L-*Audit Assessment* ammontanti ghal Lm121,258 ekwivalenti ghal €282,455.15 huwa ammont globali fuq diversi perjodi li fuqhom id-Dipartiment ikun hareg *assessment* peress illi ma jkunx qabel/accetta l-figuri dikjarati fid-denunzji ta' l-istess perjodi. L-*Underdecl. Administrative Penalty* fl-ammont ta' Lm24,251.60 ekwivalenti ghal €56,491.03 hija attribwibbli ghal, u temergi mill-*Audited Assessment,* 20% ta' l-*audit*, liema penali tohrog mil-Ligi. L-interessi fl-ammont ta' Lm68,967.03 ekwivalenti ghal €160,649.96 huma dovuti skond il-Ligi. Fil-kolonna fuq il-lemin fejn hija intestata *Credit,* it-*taxpayer* hallas globalment mill-1 ta' Jannar 1999 sa Marzu 2005 taxxa fl-ammont ta' Lm1,401.52, ekwivalenti ghal €3,264.66. Fl-istess kolonna fejn hemm *Credit Refunded,* dan huwa l-ammont li d-Dipartiment ta lura lill-kumpannija - Lm60,933.80 ekwivalenti ghal €141,937.57. *Credit Interest* huma l-interessi li d-Dipartiment ikun ta lill-Kumpanijia fl-ammont ta' Lm2,343.61 ekwivalenti ghal €5,459.14 peress li jkun hareg ir-*refund* aktar tard milli suppost. Illi minn dak li spjega, isegwi li l-bilanc dovut lid-Dipartiment mit-*taxpayer* huwa ta' Lm326,154.57 ekwivalenti ghal €759,735.77.

## F: KUNSIDERAZZJONIJIET:

### *<u>F.1 Fatti tal-kaz :</u>*

Il-kaz odjern jirrigwarda l-bank HSBC Bank Malta p.l.c. li huwa kreditur tal-konjugi Zammit, fil-kwalita` taghhom ta' garanti tas-socjeta` Biochemicals Limited, fis-somma ta' €3,316,812.84, oltre l-imghaxijiet legali skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Clyde La Rosa ta' l-10 ta' Gunju 2003, liema kuntratt gie rez titolu ezekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 11 ta' Settembru 2003. Wara dan il-Bank rikorrent istitwixxa procedura tas-subbasta numru 135/2004 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta

p.l.c. vs Victor Zammit u martu Rose Zammit” ghall-bejgh ta’ l-immobbli Villa Awrora, Triq il-Kappella ta’ San Mikiel, San Pawl tat-Targa, limiti tan-Naxxar, proprjeta` u d-dar residenzjali tal-konjugi Zammit u gie awtorizzat jaghmel offerti *animo compensandi* u eventwalment fil-jum stabbilit ghas-subbasta ghamel l-oghla offerta ghax-xiri tal-villa fuq imsemmija fis-somma ta’ €1,001,630.00.

Fit-3 ta’ Mejju 2006 il-Bank rikorrent ipprezenta rikors ghall-approvazzjoni tac-cedola ta’ kompensazzjoni in vista ta’ l-offerta *animo compensandi* tieghu, liema talba giet opposta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni minhabba l-pretensjoni taghhom li jgawdu privilegg fuq il-proprjeta` li nbieghet bis-subbasta. Ghalhekk din il-Qorti diversament presjeduta, b’digriet ta’ l-24 ta’ Novembru 2006 ordnat lill-HSBC Bank Malta p.l.c. sabiex jiddepozita garanzija bankarja ghas-somma msemmija ta’ €1,001,630.00, rapprezentanti l-prezz tal-bejgh bis-subbasta tal-villa fuq imsemmija, liema garanzija saret.

Ir-rikors odjern jirrigwarda konkors ta’ krediti pretizi mid-diversi kredituri konkorrenti – il-bank HSBC, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, id-Direttur u Registratur Qrati u Tribunali Civili.

***<u>F2. Krediti pretizi:</u>***

Illi l-krediti ta’ l-HSBC Bank Malta p.l.c. huma kif jidher hawn taht, u cioe`:

Nota ta’ ipoteka bin-numru I 8109/1998 ghall-ammont ta’ Lm450,000 ekwivalenti ghal €1,048,218;

Nota ta’ ipoteka bin-numru I 1639/2000 ghall-ammont ta’ Lm370,000 ekwivalenti ghal €861,868.15;

Nota ta’ ipoteka bin-numru I 1640/2000 ghall-ammont ta’ LmM700,000 ekwivalenti ghal €1,630,561.30.

Il-krediti tal-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud huma:

It-*taxpayer* iddikjara kreditu ta’ €137,320.59 li jkopri l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 1999 sa Marzu 2005.

L-*Estimated Tax* (Lm113,441.00) huwa l-ammont li d-Dipartiment ikun hareg bhala stima ghax ma jkunux dahlu denunzji. F' dan il-kaz, id-denunzji mhux sottomessi jammontaw ghal 12-il denunzja.
L-*Audit Assessment* ammontanti ghal Lm121,258 ekwivalenti ghal €282,455.15 huwa ammont globali fuq diversi perjodi li fuqhom id-Dipartiment ikun hareg *assessment* peress illi ma jkunx qabel/accetta l-figuri dikjarati fid-denunzji ta' l-istess perjodi.
Inoltre, minn ezami tad-dokument a fol 237, il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud talab ukoll l-ammonti ta' €56,491.03 ta' *administrative penalty* u l-interessi ammontanti ghal €160,649.96.

Il-krediti tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni huma:
bhala FSS tal-Biochemicals International Limited – Lm44,201;
bhala FSS ta' Price Club Operators Limited – Lm83019;
waqt li SSC ta' Biochemicals International Limited - Lm120,448;
waqt li SSC ta' Price Club Operators Limited - Lm169,154.
Inoltre *personal tax* ta' Victor Zammit – Lm6,945;
Biochemicals International Limited bhala kumpanija – Lm5,1340;
Price Club Operators Limited – Lm4,361
b'dan li t-total mitlub kien ta' Lm451,088, ekwivalenti ghal €1,050,752.

Il-Krediti tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili huma ta' Lm14.16, ekwiv alenti ghal €32.98,___Lm191.16, ekwivalweηti ghal €445.28 u Lm88.50, ekwivalenti ghal €206.15.

***<u>F3. Sezzjonijiet tal-ligi rilevanti:</u>***
Hemm diversi sezzjonijiet tal-ligi li huma rilevanti ghall-kaz in ezami u l-Qorti sejra tikkwotahom kollha f'din il-parti ghall-facilita` u pratticita`:
artikolu 116(3) tal-Kap 318 – Att Dwar Sigurta` Socjali:
"Minkejja d-dispozizzjonijiet ta' kull ligi ohra, it-talba tad-Direttur ghal xi ammont dovut bhala kontribuzzjoni ta' l-Ewwel Klassi jew tat-Tieni Klassi taht dan l-artiklu

tikkostitwixxi talba privileggjata, fil-kaz ta’ kontribuzzjoni ta’ l-Ewwel Klassi, fl-istess grad bhal pagi ta’ impjegati fuq l-attiv tal-principal u fil-kaz ta’ kontribuzzjoni tat-Tieni Klass, fuq l-assi tal-persuna li timpjega lilha infisha jew persuna li tahdem ghaliha nfisha koncernata u ghandha tithallas bi preferenza fuq it-talbiet l-ohra kollha (minbarra l-pagi) sew jekk privileggjata jew ipotekarji”.

artikolu 123(1) ta’ l-Att Dwar is-Sigurta` Socjali:
“Bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi att, affarijiet jew haga ohra li huma mehtiega li jsiru jew li m’ghandhomx isiru skond jew taht dan l-Att ghandhom isiru jew m’ghandhomx isiru minn korp jew ghaqda ohra ta’ persuni, dak l-att, affarijiet jew haga jkunu ukoll mehtiega li jsiru jew li ma jsirux personalment mill-*manager* jew ufficjali principali iehor ta’ dak il-korp jew dik l-ghaqda; u d-dispozizzjonijiet ta’ dan l-Att u ta’ kull regolament maghmula bis-sahha tieghu ghandhom japplikaw f’ dan is-sens.”

artikolu 23 (8) u (11) tal-Kap 372 – Taxxa Fuq id-Dhul:
“(8) “……. L-avviz imsemmi fis-subartklu (4) ta’ dan l-artiklu, li juri li l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artiklu, jikkostitwixxi talba privileggjata fuq l-assi ta’ min ihaddem t’a grad minnufih wara l-pagi tal-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali ……. u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggjati jew ipotekarji.”

“(11) Minkejja d-dispozizzjonijiet ta’ kull ligi ohra, l-avviz ta’ talba mill-Kummissarju msemmi fis-subartikolu (7), li juri l-ammont li ghandu jithallas taht dan l-artikolu, jikkostitwixxi talba privileggjata fuq l-assi ta’ min ihaddem ta’ grad minnufih wara l-pagi tal-impjegati u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali ghal ammonti li jkollhom jithallsu bhala kontibuzzjoni taht l-artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurta’ Socjali, u ghandha tithallas wara dawk il-pagi u talbiet izda bi preferenza ghall-pretenzjonijiet l-ohra kollha sew privileggjati jew ipotekarji.”

artikolu 62 tal-Kap 406:
“Il-Kummissarju ikollu privilegg specjali fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita’ ekonomika ta’ persuna dwar **kull taxxa dovuta** minn dik il-persuna taht dan l-Att u t-taxxa msemmija ghandha tithallas, minkejja kull ma jinsab f’ xi ligi ohra, bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor, hlief dejn li jkollu privilegg generali u dejn imsemmi fil-paragrafu (a) jew fil-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 2009 tal-Kodici Civili.”

Kap 16 artikolu 2029:
“Il-privileggi specjali fuq l-immobbli m’ghandhomx effett jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku fiz-zmien ta’ xahrejn”.

***F4. Gurisprudenza dwar gradwazzjoni ta’ krediti:***
Illi bazikament il-gurisprudenza fuq is-suggett in ezami l-aktar li giet trattata kien propju fil-kawzi segwenti:
(a) **Konkors ta’ Kredituri Da Vinci Limited** (deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Novembru 2000) fejn fil-klassifikazzjoni tal-krediti ammessi saret fl-ordni segwenti:

(i) L-ewwel grad: Spejjez gudizzjarji sabiex sar il-bejgh tal-fond immobbli u sabiex isir il-qsim tar-rikavat;
(ii) Fit-tieni grad: Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li hu privileggjat a tenur ta’ l-Artikolu 62 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;
(iii) Fit-tielet grad: Il-paga ta’ l-impjegati sal-ammont massimu ta’ Lm 200 u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghall-kontribuzzjonijiet ta’ l-Ewwel Klassi u privileggjati skond l-Artikolu 116 (3) tal-Kap. 318;
(iv) Ir-raba’ grad: Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghat-taxxa dovuta bhala PAYE u privileggjata skond l-Artikolu 23 (8) ta’ Kap 372;
(v) Mill-hames sa l-Ghaxar grad gew klassifikati kredituri ohra ipotekarji bl-HSBC Bank plc jikklasifika fis-seba’ grad;

(vi) Fil-hdax il-grad: kredituri ordinarji li ma jgawdu minn ebda privilegg.

(b) **Konkors ta' Kredituri ta' Testing Limited** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Marzu 2006) fejn l-Onorabbi Qorti ta' l-Appell fir-rigward tal-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-hlas ta' ammonti mizmuma lill-impjegati bhala PAYE liema kreditu privileggjat b'ligi specjali ma kienx kopert b'nota ta' ipoteka jew privilegg fir-Registru Pubbliku ippronuncjat ruhha fis-sens illi:
" huwa wiehed ta' natura fiskali u fit-termini ta' l-Artikolu 23 (8) ta' l-Att XVIII tas-sena 1994 jinsab privileggjat'… u ghandu jithallas wara (il-pagi ta' l-impjegati u t-talbiet tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali) hi preferenza ghall-pretensjonijiet l-ohra kollha sew privileggjati jew ipotekarji" (enfasi tal-Qorti). Ghaldaqstant dan il-kreditu jiggradwa qabel il-krediti komponenti l-ohra".
(c) Id-decizjoni **"Wara c-Cedola ta' Depozitu numru 173/98 fl-ismijiet 'Lawrence Attard ghan-nom u fl-interess ta' L & D Attard Company Limited vs Bank of Valletta plc vs Anthony u Bernardette mizewgin Gauci"**, (Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-3 ta' Ottubru 2007) l-ororabbli Qorti irriteniet illi l-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-PAYE kien jiggradwa qabel dak tal-Bank of Valletta anke jekk ma kienx irregistrat fir-Registru Pubbliku u dan kontra dak li kien jippretendi l-Bank of Valletta li kien irrefera ghat-Titolu XXIII tal-Kap. 16. Il-Qorti iggradwat il-krediti kif gej:

i. Direttur tal-Qorti ghal spejjez u dritt tar-Registru tal-konkors skond l-Artikolu 2003 tal-Kap. 16;
ii. Kontribuzzjonijiet tas-Sigurta' Socjali;
iii. PAYE;
iv. Kreditu tal-Bank of Valletta.

(d) Id-decizjoni "**Wara c-Cedola ta' Depozitu Numru 59/84, fl-ismijiet: Paul Xuereb ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Development Corporation vs Francis Flynn bhala General Manager ghan-nom u in rapprezentanza tal-Mid Med Bank Limited vs Dr Albert Manche u Joseph Zammit Tabona fil-kwalita' taghhom ta' ko-likwidaturi tal-Kumpanija Grand Hotel Verdala**

**Limited”** (Deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit 30 ta’ April 1990) fejn il-Qorti tal-Kummerc iggradwat il-krediti kif gej:
(i) L-ewwel grad: il-likwidaturi tal-Grand Hotel Verdala Limited ai termini ta’ l-Artikolu 153 (3) tal-Kap. 168;
(ii) Fit-tieni grad: il-pagi ta’ l-impjegati fl-ammont massimu ta’ Lm 200 flimkien mal-kreditu tad-Direttur tas-Sevizzi Socjali ai termini ta’ l-Artikolu 54 (7) tal-Att ta’ l-1956 dwar is-Sigurta’ Nazzjonali;
(iii) Fit-tielet grad: Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni ghall-PAYE ghall-kreditu pprivileggjat skond l-artikolu 45 (3) (g) ta’ l-Income Tax Act, 1948;
(iv) Fir-raba’ grad: Krediti muniti bi privileggi generali;
(v) Fil-hames grad: Krediti ipotekarji;
(vi) Fis-sitt grad: Krediti kirografarji.

(e) **Konkors ta’ kreditu ta’ Carmelo Gauci Limited** (Rikors Numru 53/06) deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Frar 2009, li minhabba l-importanza taghha l-Qorti sejra tikkwota estensivament u cioe` l-ahhar erba’ faccati taghha:
“Fl-ewwel parti tieghu dan l-artikolu jaghti “privilegg specjali” lill-Kummissarju (u mhux “jedd ta’ privilegg” kif jinghad f’legislazzjonijiet ohra), u fl-ordinament guridiku Malti jezisti tip wiehed biss ta’ privilegg specjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodici Civli. Fil-ligijiet fiskali in kwistjoni il-legislatur ma tax xi definizzjoni ta’ “privilegg specjali” ghall-finijiet tal-istess ligijiet fiskali, u, ghalhekk, it-tifsira ta’ dan il-kuncett irid jittiehed mid-definizzjoni tieghu fil-Kodici Civili li, sakemm mhux eskluz, japplika b’mod generali. Hu interessanti wkoll li jigi notat illi dan il-“privilegg specjali” ma nghatax fuq il-beni kollha ta’ kull xorta tad-debitur, f’liema kaz kien jehtig li jkun deskritt bhala privilegg “generali” skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodici Civli, izda, fuq proprjeta` “partikolari” fit-termini tad-definizzjoni ta’ privilegg specjali fil-Kodici Civili, u cioe`, fuq “l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika ta’ persuna”. Dan ikompli juri l-hsieb tal-legislatur li jorbot dan il-privilegg ma’ dak trattat fil-Kodici Civili.

Issa, fil-waqt li l-privilegg specjali fuq hwejjeg mobbli, mhux mehtieg li jigi registrat (Artikolu 2032 tal-Kodici Civili), il-privileggi specjali fuq l-immobbli m’ghandhomx

effett “jekk ma jigux imnizzlin fir-Registru Pubbliku” (Artikolu 2029). Dan hu hekk ghax privilegg specjali fuq immobbli hu munit b’*diritto di seguito* (Artikolu 2002(2)), b’mod li jibqa’ jaghti titolu ta’ preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tghaddi ghand persuni ohra. Din ir-registrazzjoni hija mehtiega fl-interess tat-terzi, ghax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed taghmel tajjeb ghal dejn ta’ xi hadd iehor. Ghalhekk hu importanti li dan il-privilegg specjali jigi registrat b’referenza espressa ghall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Registru Pubbliku (Kap. 56 tal-Ligijiet ta’ Malta). Registrazzjoni ta’ privilegg specjali semplicement “fuq l-attiv li jaghmel sehem mill-attivita` ekonomika” tad-debitur ma tistax titqies valida ghax il-privilegg irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta’ tali registrazzjoni, maghmula kif trid il-ligi, ma jistax jinghad li l-privilegg specjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali taghna, ma hux koncepit “privilegg specjali” fuq immobbli mhux registrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-ligi, il-privileggi specjali fuq l-immobbli huma, f’kull kaz, muniti bid-*diritto di seguito*.

Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-tezi tal-HSBC Bank Malta plc u abbraccjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f’zewg partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta’ dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:
“Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista’ jinghad li jinqasam f’zewg aspetti, fl-ewwel parti jigi stabbilit il-privilegg specjali filwaqt li fit-tieni parti jigi stabbilit <u>illi dan il-privilegg specjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi ligi ohra fuq dejn privileggjat iehor. Jidher ghalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe ligi ohra ghandha tigi sottratta ghall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata ghall-kwistjoni ta’ gradwazzjoni <u>diment li jigi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privilegg specjali</u>”. (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-ligi ma tghidx li l-privilegg specjali jiggradwa bi preferenza, izda li "t-taxxa msemmija ghandha tithallas" bi preferenza, u lanqas ma tassoggetta l-preferenza tal-hlas ghad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privilegg specjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Zammit v. Caruana noe**, deciza fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privilegg huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa haga, u l-privilegg huwa hag'ohra. Ghalkemm il-privilegg ma jistax jissussisti minghajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti indipendentement mill-privilegg. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirregistra l-privilegg ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu ghandu jithallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privilegg iehor".

Bil-privilegg specjali, debitament registrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tieghu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirregistrax ipoteka specjali, allura jrid jissodisfa ruhu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privilegg, il-Kummissarju jithallas l-ewwel (hlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).

Il-frazi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi ligi ohra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi ghall-"privilegg specjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-hlas tat-taxxa li, f'kull kaz mill-assi tad-debitur, ghandha ssir bi preferenza fuq kull dejn iehor, hemm x'hemm f'ligijiet ohra.

Ghalhekk, f'dan il-kaz, la darba l-flus garantiti mill-bank ghall-fini ta' dawn il-proceduri, huma r-rikavat mill-bejgh tal-assi tal-kumpanija debitrici, it-taxxa dovuta ghandha tithallas bi preferenza u qabel kull dejn iehor bhal dak tal-bank konkorrent.

Irid jizdied li d-dritt ta' preferenza tal-Kummissarju tal-VAT hu fuq it-taxxa dovuta u mhux fuq hlasijiet ohra li jistghu jkunu dovuti. Fil-fatt, George Catania, li jokkupa l-kariga ta' Direttur tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, spjega li mill-

kreditu totali ta' Lm96,456.36, l-ammont li jirrapprezenta taxxa pura jammonta ghall-Lm40,000, u fil-fatt ikkonferma illi l-preferenza pretiza mid-Dipartiment huwa fuq is-somma ta' Lm40,000 ekwivalenti ghall-€93,174.94. Hija din is-somma li ghandha tithallas lill-Kummissarju tal-VAT qabel kull dejn iehor, hi x'inhi d-data tar-registrazzjoni tal-privileggi relattiv minn dawn it-terzi.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud billi tilqa' l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, u ghalhekk tordna li l-gradwazzjoni li ghandha tirrizulta f'dan il-kaz hija s-segwenti:

L-ewwel grad: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-€93,174.94, u l-imghax relattiv.
It-tieni grad: HSBC Bank Malta plc
It-tielet grad: Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-bilanc."

(f) Sentenza fl-ismijiet **Wara c-Cedola ta' Depozitu numru 348/2006 fl-ismijiet Robertino Bonello, fil-kummerc, bin Anthony u Carmen nee' Sammut, imwieled Pieta' u residenti Swieqi, (I.D. nru. 462975(M)) u Joseph Sammut, Awditur, bin il-mejjet John u Crocefissa nee' Abela, imwieled Mosta u residenti San Pawl il-Bahar (I.D. nru. 471857(M)) vs Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Dr. Renzo Porsella Flores u l-P.L. Victor Bugeja nominati kuraturi deputati permezz ta' digriet ta' Din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Frar 2005 sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` Incoming Travel Bureau Limited** (Rikors numru 814/06FS), u deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fid-9 ta' Novembru 2009, fejn inghad :
"Din il-Qorti kif presjeduta taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija fis-sentenza **Lawrence Attard et vs Bank of Valletta p.l.c. vs Anthony u Bernard Gauci -** Rikors numru 368/2005 - deciza minn din il-Qorti diversament ippreseduta fit-3 ta' Ottubbru 2007, li testwalment irriteniet:-

"Ir-rikorrenti jissottomettu li hemm biss privjlegg ghal kontribuzzjoni dovuta u mhux ghat-taxxa addizzjonali. Il-Qorti taqbel li l-ammont biss ta' Lm3,000 hu pprivileggjat u mhux is-somma addizzjonali. "

Dan iwassal ghall-konkluzjoni li l-ammonti riferibbli ghall-*Final Settlement System* (FSS) u dak dwar tnaqqis li kellu jsir fil-pagi u salarji ta' l-impjegati u cioe` Lm23,663.00 ekwivalenti ghal €55,119.96 huma privileggjati izda li r-rimanenti somma mitluba fir-rikors tal-4 ta' Ottubbru 2006 jirrigwardaw taxxa addizzjonali u kontribuzzjoni addizzjonali, li fil-fehma tal-Qorti ma ghandhomx privilegg u ghalhekk ma jiggradwawx qabel l-Ipoteki tal-Bank rikorrent. Ukoll ma jiggradwawx u mhux koperti bl-imsemmi privilegg, l-ammonti kollha msemmija fir-rikors tal-11 ta' Ottubru 2006 fejn intalbet taxxa fuq *l-income* tal-kumpannija u taxxa addizzjonali ghax taxxa "fuq il-qliegh" u taxxa "addizzjonali" ma humiex koperti bi privileggi indikati fl-istess artikolu 116 tal-Kap. 318, u tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 u ghalhekk ukoll ma humiex pprivileggjati skond il-ligi.

Ghalhekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jippregradwa d-drittijiet tal-Bank of Valletta p.l.c. biss f'din is-somma ta' Lm23,663,00 ekwivalenti ghal €55,119.96 u mhux bis-somma ta' sebgha u disghin elf, disa' mija u tnejn u hamsin Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€97,952.48) kif jippretendi.

Dwar dak li jifdal depozitati fic-Cedola l-Bank gab il-prova fid-dokumenti bil-kuntratti u ipoteki ("Dok. BOV1 sa BOV8" permezz tan-notaipprezentata fl-10 ta' Ottubru 2006) u dan il-kreditu tal-Bank ma gie bl-ebda mod kontestat kif lanqas ma gew kontestati l-istess iskrizzjonijiet ipotekarji. "

***<u>F5. Gradwazzjoni ta' krediti fil-kaz in ezami:</u>***

**<u>Fl-ewwel grad:</u>**

Hawnhekk ghandhom jidhlu l-ispejjez gudizzjarji biex sar il-bejgh tal-fond immobbli u l-ispejjez gudizzjarji sabiex sar qsim tar-rikavat. Hawnhekk certament jidhlu l-krediti tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili. Inoltre skond l-artikolu 2003 tal-Kap 16 jirrizulta li l-ispejjez gudizzjarji

huma muniti bil-privilegg generali u kwindi jikkonkorru qabel.

**Fit-tieni grad:**
Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li hu privileggjat a tenur ta’ l-artikolu 62 ta’ l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ghalhekk jikkomprendi l-ammonti dikjarati mit-*taxpayer* bhala kreditu [€137,320.59], l-*estimated tax* fl-ammont ta’ €264,246.45 u l-*audit assessment* ammontanti ghal €282,455.15, li flimkien jammontaw ghal €684,022.19.

**Fit-tielet grad:**
Normalment dan jinkludi l-pagi ta’ l-impjegati sal-ammont massimu ta’ Lm200 u talbiet tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali ghall-kontribuzzjonijiet ta’ l-Ewwel Klassi u privileggjati skond l-artikolu 116 (3) tal-Kap. 318. Fil-kaz in ezami ma sarux talbiet minn impjegati u ghalhekk m’hemmx ghalfejn li dan jitqies, izda jridu jigu inkluzi t-talbiet dwar is-Sigurta` Socjali fl-ammont ta’ Lm120,448 u Lm169,154 ammontanti ghal Lm289,602 ekwivalenti ghal €674,591.19.

Huwa inutli li l-Qorti tibqa’ tidhol tiggradwa aktar f’dan l-istadju minhabba li l-ammont tac-cedola gja gie superat.

**G. KONKLUZJONIJIET:**
Ghalhekk il-Qorti tordna li l-gradwazzjoni ssir kif imsemmi f’ “F5”.

L-ispejjez jithallsu kif provvdut fl-ewwel paragrafu tal-listi tal-gradwazzjoni taht l-intestatura “L-ewwel grad”.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------